

[Paġna Ewlenija](#) > [Taħriġ, Networks Ġudizzjarji U Aġenziji](#) > [Italy](#)

Taħriġ inizjali ta' mħallfin u prosekuturi fl-Unjoni Ewropea

Il-kontenut ipprovdut minn
Italja



Italja

Deskrizzjoni ġenerali

Fl-Italja t-taħriġ inizjali ta' mħallfin ordinarji u prosekuturi pubbliċi jitwettaq separatament minn professjonijiet legali oħrajn (avukati u nutara) u ġurisdizzjonijiet oħrajn (imħallfin amministrattivi, imħallfin militari, awdituri u mħallfin fiskali). L-istess isir għal konkorsi għall-aċċess għal dawn il-professjonijiet.

It-taħriġ inizjali ta' mħallfin ordinarji u prosekuturi jidm 18-il xahar u huwa riżervat għar-rebbieħa ta' konkors, li normalment jitnieda kull sena mill-Ministeru għall-Ġustizzja. It-taħriġ huwa stipulat mill-[Iskola Taljana għall-Ġudikatura](#) (Scuola Superiore della Maġistratura, SSM) flimkien mal-[Kunsill Superjuri għall-Ġudikatura](#) (Consiglio Superiore della Maġistratura, CSM) u huwa rregolat mid-Digriet Leġiżlattiv Nru 26 tat-30 ta' Jannar 2006.

Ġeneralment kull konkors jipprevedi l-ħatra ta' madwar 300 apprendist li jiksbu, fi tmiem it-taħriġ tagħhom, il-funzjonijiet ġudizzjarji.

L-aċċess għall-konkors huwa rregolat mid-:

[Digriet Leġiżlattiv Nru 160 tal-5 ta' April 2006](#) *Regoli ġodda dwar l-aċċess għall-ġudikatura, kif ukoll dwar il-progress ekonomiku u l-funzjonijiet tal-imħallfin u l-prosekuturi, skont l-Artikolu 1(1)(a) tal-Liġi Nru 150 tal-25 ta' Lulju 2005 (l-Artikoli 1-9).*

It-traineeship huwa rregolat mid-:

[Digriet Leġiżlattiv Nru 26 tat-30 ta' Jannar 2006](#), *l-Istituzzjoni tal-Iskola Superiore della Maġistratura, kif ukoll id-dispożizzjonijiet dwar it-traineeship u taħriġ tal-awdituri ġudizzjarji, l-iżvilupp u t-taħriġ professjonali tal-imħallfin u l-prosekuturi, skont l-Artikolu 1(1)(b) tal-Liġi Nru 150 tal-25 ta' Lulju 2005 (l-Artikoli 18-22).*

[Regolament għat-taħriġ inizjali ta' mħallfin ordinarji u prosekuturi](#)

Għal ħarsa ġenerali tat-taħriġ inizjali ta' mħallfin ordinarji u prosekuturi:

[L-organizzazzjoni tat-taħriġ inizjali ta' mħallfin u prosekuturi fl-Italja. Prattiki tajbin ta' taħriġ fl-Iskola Superiore della Maġistratura](#)

Aċċess għat-taħriġ inizjali

Il-ħatra bħala mħallf ordinarju jew prosekuturi, f'konformità mal-Artikolu 106 tal-Kostituzzjoni, tinkiseb permezz ta' konkors pubbliku kompetittiv, irregolat mid-Digriet Leġiżlattiv Nru 160 tal-5 ta' April 2006, li jstipula l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni fl-eżami (l-Artikoli 2 u 7), il-fażi tas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet (l-Artikolu 4), il-kompożizzjoni u l-funzjonijiet tal-Kumitat tal-Eżaminazzjoni (l-Artikoli 5 u 6) u l-proċeduri tal-eżami bil-mktub u orali (l-Artikoli 1 u 3).

Is-sistema kurrenti tal-eżami tista' titqies għażla tat-tieni livell, minħabba li l-aċċess għall-konkors pubbliku

jipprevedi rekwiżiti addizzjonali għal lawrja fil-Liġi.

Il-kandidati li jgħaddu mill-eżami jagħmlu l-apprendistat tagħhom f'konformità mar-regoli stabbiliti mid-Digriet Leġiżlattiv Nru 26 tat-30 ta' Jannar 2006.

Il-format u l-kontenut tat-taħriġ inizjali

Il-perjodu ta' taħriġ idum 18-il xahar. Huwa maqsum f'sessjonijiet - 6 xhur fl-SSM uu 12-il xahar fl-uffiċċji ġudizzjarji; ir-regoli għall-implimentazzjoni tagħhom huma ddefiniti minn riżoluzzjoni tas-CSM (l-Artikolu 18 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 26 tal-2006).

Fis-sessjoni li ssir fl-Iskola, l-apprendisti jattendu korsijiet teoretiċi u prattiċi profondi dwar suġġetti identifikati mis-CSM permezz tad-direttivi mfassla għal kull klassi ta' apprendisti maħtura ġodda, u suġġetti identifikati mill-Bord tad-Diretturi tal-SSM fil-programm annwali. Is-sessjoni fl-SSM għandha l-għan li ttejjeb kemm il-ħiliet professjonali kif ukoll l-etika (l-Artikolu 20).

Is-sessjoni fil-qrati hija maqsuma fi tliet perjodi (l-Artikolu 21).

L-ewwel wieħed, li jidur 4 xhur, jitwettaq fil-qrati u jikkonsisti mill-parteċipazzjoni fl-attività ġudizzjarja relatata mat-tilwim jew reati li jaqgħu fil-ġuriżdizzjoni tal-qorti f'kompożizzjoni ta' bord u awla sempliċi. Dan jinkludi l-parteċipazzjoni f'seduti.

It-tieni perjodu, ta' xahrejn, isir fl-uffiċċji tal-prosekutur pubbliku.

L-aħħar perjodu, ta' 6 xhur, jitwettaq fl-uffiċċju li jikkorrispondi mal-ewwel allokkazzjoni tal-apprendisti.

Il-programm għal kull grupp ta' apprendisti maħtura huwa stipulat mis-CSM fi ħdan il-qafas tal-linji gwida tat-taħriġ (l-Artikolu 2, il-paragrafu 1, l-ittra o).

Metodoloġija

It-taħriġ ta' mħallfin u prosekuturi ma għandux jinftiehem biss b'ħala taħriġ "tekniku", limitat għall-għarfien tar-regoli u l-applikazzjoni tagħhom; huwa wkoll opportunità fundamentali għall-iżvilupp ta' kultura legali komuni li tista' tiġi espressa wkoll fl-armonizzazzjoni ta' ġurisprudenza, sabiex jintlaħaq l-għan ta' ċertezza legali (stat ta' dritt) u l-prevedibbiltà tad-deċiżjonijiet.

Aktar milli torganizza konferenzi jew serje ta' lekcjoni ta' aġġornament, l-SSM torganizza korsijiet ta' taħriġ professjonali, toffri opportunitajiet għal diskussjoni u parteċipazzjoni bil-għan li jinqasmu esperjenzi professjonali.

F'dawn il-korsijiet, id-diskussjoni fil-klassi u gruppi ta' ħidma, ikkoordinati minn esperti, għandhom rwol ewlieni.

Apparti l-attivitàjiet tal-klassi, is-sessjoni tal-Iskola tinkludi internships f'organizzazzjonijiet li huma utli għall-apprendisti. Permezz tal-istrutturi ta' taħriġ deċentralizzati f'kull distrett tal-Qorti tal-Appell, l-internships huma organizzati f'amministrazzjonijiet pubbliċi, ċentri ta' detenzjoni, laboratorji forensiċi, awtoritajiet ġudizzjarji barranin u korpi internazzjonali. Inizjattivi ta' taħriġ huma organizzati wkoll fil-Qrati tal-Appell f'kooperazzjoni mal-Avukatura u l-istituzzjonijiet tagħha, fi Qrati tal-Minorenni, f'taqsimiet Speċjalizzati fil-Qrati, fil-Qorti tal-Kassazzjoni u fis-CSM.

Fil-fażi inizjali tal-hekk imsejjaħ apprendistat ġenerali, l-enfażi hija li l-apprendisti jiġu pprovduti bl-għodod meħtieġa biex iwettqu konxjament il-funzjonijiet tagħhom, u l-ħiliet bażiċi fil-liġi sostantiva u proċedurali jitqiesu miksuba.

Fil-kuntest tal-hekk imsejjaħ apprendistati mmirati, il-fokus huwa fuq funzjonijiet speċifiċi li kull apprendist jintalab iwettaq fit-tmiem tal-evalwazzjoni pożittiva tal-perjodu sħiħ, filwaqt li tingħata prijorità lill-kostituzzjoni ta' gruppi ta' mħallfin u prosekuturi li huma omoġenji fir-rigward tat-tip ta' uffiċċju, funzjonijiet u oqsma.

Taħriġ fid-dritt tal-UE, komponenti ta' taħriġ Ewropew transfruntier, parteċipazzjoni

f'EJTB/CCBE/attivitajiet oħrajn, taħriġ lingwistiku

L-SSM toffri sessjonijiet interdixiplinari speċifiċi li jintroduċu s-sistema ġudizzjarja u l-funzjonijiet ġudizzjarji, djalogu mal-Qorti Ewropej (il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem) u studju profund tad-dimensjoni Ewropea tal-liġi. B'dan il-mod, is-suġġetti ta' deċiżjonijiet preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja jiġu indirizzati b'perspettiva teoretika u prattika (hemm ipplanati sessjonijiet tematiċi fi gruppi ta' ħidma ma' referendaires tal-Qorti tal-Ġustizzja) kif ukoll l-ispeċifitajiet tas-sistema tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Qorti ta' Strażburgu. Mill-2020, f'kollaborazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa, internship ta' ġimgħa hija ddedikata għall-attenzenza għal moduli ta' apprendiment mill-bogħod fl-Ingliż tal-programm HELP, immirati għat-taħriġ tal-professjonijiet legali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Fil-livell internazzjonali, l-apprendisti jipparteċipaw ukoll fi programmi speċifiċi għal taħriġ inizjali mmexxija min- Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju. Dawn jinkludu kemm il-konkors THEMIS (minn żewġ sa erba' timijiet ta' tliet membri ma' konsulent li jaffrontaw istituzzjonijiet ta' taħriġ oħrajn dwar suġġetti ta' interess ġenerali bħall-istat tad-dritt, l-etika, il-kooperazzjoni kriminali u ċivili) kif ukoll l-iskambji ta' ġimgħa AIAKOS fejn l-apprendisti jżuru istituzzjonijiet ta' taħriġ Ewropej oħrajn ma' apprendisti jew imħallfin u prosekuturi maħtura ġodda oħrajn minn istituzzjonijiet ta' taħriġ Ewropej oħrajn (Kull sena tkun prevista l-parteċipazzjoni għal 50 apprendist b'ħiliet lingwistiċi xierqa).

Huma ppjanati wkoll skambji internazzjonali ulterjuri bilaterament ma' istituzzjonijiet Ewropej u mhux Ewropej oħrajn.

Skont ir-Rakkomandazzjoni Nru 4 tal-2003 tal-Kunsill Konsultattiv ta' Mħallfin Ewropej (CCJE) dwar it-taħriġ inizjali u kontinwu ta' mħallfin fil-livell nazzjonali u Ewropew, il-programmi teoretiċi u prattiċi għal imħallfin u prosekuturi maħtura ġodda ma għandhomx ikunu limitati għal tekniki fil-qasam purament legali, iżda għandhom jinkludu wkoll taħriġ etiku u esponiment għal oqsma oħrajn rilevanti għal attivitajiet ġudizzjarji, bħall-ġestjoni tax-xogħol u l-amministrazzjoni ġudizzjarja, it-teknoloġija tal-informazzjoni, lingwi barranin, ix-xjenzi soċjali u metodi ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim.

Fir-rigward ta' kwistjonijiet ekstraġudizzjarji, kemm is-sistema ġudizzjarja kif ukoll l-etika għandhom rwol ċentrali fil-programmi tal-SSM.

Il-ġestjoni tax-xogħol huwa l-element komuni li jorbot il-ġimgħat fil-klassi ppjanati għal kull qasam fi ħdan it-taħriġ ġenerali (proċedimenti ċivili, kriminali u ta' prosekuzzjoni), u anke l-IT legali u ġudizzjarja hija parti importanti mill-programm ta' taħriġ.

Filmkien mal-programmi speċifiċi fil-qasam internazzjonali ddedikati għat-taħriġ inizjali, il-lingwi barranin huma inklużi fil-programm ta' taħriġ u l-apprendisti kollha jsegwu kors annwali dwar l-Ingliż Legali.

It-terminazzjoni tat-taħriġ inizjali u l-proċess ta' kwalifika

Fl-aħħar tal-apprendistat, is-CSM jivvaluta jekk l-apprendist jistax jingħata funzjonijiet ġudizzjarji abbażi tar-rapporti dwar l-attivitajiet imwettqa matul il-perjodu tal-apprendistat abbozzati mit-tuturi maħtura fl-uffiċċji ġudizzjarji u mit-tuturi tal-SSM.

Jekk il-valutazzjoni tkun pożittiva, il-funzjonijiet ġudizzjarji jingħataw u ssir l-assenzjazzjoni.

Jekk il-valutazzjoni tkun negattiva, l-apprendist jiddaħħal f'perjodu ta' taħriġ ġdid ta' sena. It-tieni valutazzjoni negattiva twassal għal tkeċċija mill-impjeg (l-Artikolu 22 tad-Digriet Leġiżlattiv 26 tal-2006).

L-aħħar aġġornament: 28/05/2026

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.